MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 39/2004/1

**Ivan VELLA**

**vs**

**AVUKAT ĠENERALI, Ministru tas-Saħħa u l-Kunsill tal-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta' Ottubru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li jiġi dikjarat li ċ-ċaħda min-naħa tal-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari li jagħrfu bħala *dental technician* u li jagħtih liċenza biex jaħdem f'dik il-professjoni hija diskriminatorja bi ksur tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar Libertajiet u Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem; talab li jiġi dikjarat li l-artikolu 85 tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 28 tal-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta huma minnhom infushom

diskriminatorji fl-effett tagħhom fil-konfront tiegħu; u li fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu fir-rigward tar-rikorrent, il-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Professjoni Medika mexa b'mod diskriminatorju minn kif mexa ma' ħaddieħor, kemm jekk Maltin oħrajn u kif ukoll barranin; u talab li l-Qorti tagħti kull rimedju li jidhrilha xieraq, minbarra li tillikwida d-danni li huwa ġarrab minħabba dak l-għamil diskriminatorju;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imtimat Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Kommunita' fl-10 ta' Novembru, 2004, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrent billi, fl-ewwel lok, qal li r-rimedju li qiegħed jitlob ir-rikorrent kien dak ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap 12, u għalhekk din il-Qorti jmissha tagħżel li tirrifjuta li teżerċita s-setgħa tagħha kostituzzjonali billi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li seta' u messu ħa. L-istess intimat qanqal ukoll eċċezzjoni oħra ta' xejra proċedurali preliminari li biha jgħid li ma messux ġie mħarrek, għaliex huwa ma kien bl-ebda mod involut fil-proċedura li minnha jilminta r-rikorrent. Ressaq ukoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati l-oħrajn fil-11 ta' Novembru, 2004, li biha qalu li l-intimat Avukat Ġenerali m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent. Qalu wkoll li din il-Qorti jmissha tagħżel li ma tismax il-każ għaliex ir-rikorrent kellu rimedji ordinarji li naqas li jieħu; għalhekk, l-azzjoni hija intempestiva, u l-Qorti jmissha tirrifjuta li twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali billi l-azzjoni hija fiergħa u vessatorja. Ressqu eċċezzjonijiet ukoll fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2004[1], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat Ministru tas-Saħħa, u l-ewwel erba' eċċezzjonijiet tal-intimati l-oħrajn;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fid-9 ta' Frar, 2005[2], dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom;

[1] Paġ. 15 tal-proċess
[2] Paġġ. 16-9 tal-proċess

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-21 ta' April, 2005[3], bi tweġiba għal dik tal-intimati;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2005, li bih ċaħdet it-talba tar-rikorrent li jressaq provi wkoll dwar il-mertu f'dan l-istadju tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Ġunju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati;

***Ikkunsidrat:***

Illi din l-azzjoni tirrigwarda ċaħda ta' għarfien ta' kwalifiki tar-rikorrent biex jingħata liċenza biex jaħdem fil-qasam professjonali tiegħu. Ir-rikorrent jgħid li l-Bord dwar il-Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina[4] naqas li jagħraf il-kwalifiki tiegħu billi mexa miegħu b'mod differenti minn kif mexa ma' ħaddieħor u dan billi ma għarafx is-snin li hu ilu jippratika u jitħarreġ fil-professjoni tiegħu u billi talbu juri kwalifika mitluba mil-liġi[5] meta għal żmien twil ċertifika bħal dan ma kienx qiegħed jinħareġ;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'sensiela ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u proċedurali. Jgħidu li din il-Qorti jmissha tirrifjuta li tisma' l-kawża u li tuża s-setgħat kostituzzjonali tagħha għaliex ir-rikorrent kellu rimedju ieħor xieraq għall-ilment tiegħu u naqas li jieħdu. Marbuta ma' din l-istedina, hemm l-eċċezzjoni li l-azzjoni tressqet qabel il-waqt. Fuq kollox, iżidu jgħidu li, minħabba f'hekk, l-azzjoni hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq. Ressqu eċċezzjoni oħra fis-sens li r-rikorrent ma jmissux ħarrek ukoll lill-intimat Avukat Ġenerali u lill-intimat Ministru tas-Saħħa, għaliex dawn ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-fatti msemmija mir-rikorrent. Minbarra dan, huma ressqu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu biex jikkontestaw il-każ;

---

[3] Paġġ. 24-9 tal-proċess
[4] Bis-saħħa tal-art. 26 tal-Att XII tal-2003 (Kap 464), l-isem mogħti huwa "Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għall-Mediċina"
[5] Dak iż-żmien l-art. 85 tal-Ordinanza XVII tal-1901 (kif mibdula) (Kap 31), Taqsima IX

Illi din is-sentenza tmiss biss l-eċċezzjonijiet preliminari u proċedurali hawn fuq imsemmija. Minħabba li l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari huma marbutin sfiq ma' xulxin, sejrin jiġu meqjusa flimkien. Filwaqt li l-eċċċezzjoni dwar jekk l-Avukat Ġenerali u l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa messhomx tħarrku tiġi meqjusa għaliha;

Illi dwar **l-eċċezzjonijiet li l-Qorti jmissha twarrab milli twettaq is-setgħat tagħha kostituzzjonali (jew konvenzjonali) li tisma' din il-kawża, dwar jekk l-azzjoni hijiex intempestiva, u dwar jekk ukoll hijiex fiergħa u vessatorja** għandu jingħad li dawn huma eċċezzjonijiet li l-Qorti jkollha, min-natura tagħhom, tqishom fuq il-bażi ta' dak li jidher mill-atti *prima facie.* Ma jistax ikun mod ieħor, għaliex jekk il-Qorti kellha tidħol biex tqis il-provi fil-mertu, jkun ifisser li diġa' tkun qieset li hija sejra twettaq il-ġurisdizzjoni tagħha u li dak li qiegħed jissemma la huwa barra minn waqtu u, x'aktarx lanqas m'huwa fieragħ. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-Qorti f'dan l-istadju, tgħid li hija sejra twettaq is-setgħat li għandha biex tisma' l-każ ma jfissirx li b'hekk l-ilment tar-rikorrenti huwa wieħed mistħoqq jew li, minn dak li jirriżulta, ma jistax ikun li l-azzjoni tiegħu tirriżulta li kienet, wara kollox, waħda fiergħa jew maħsuba biss biex iddejjaq;

Illi minħabba li r-rikorrent qiegħed iressaq l-ilment tiegħu kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[6];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk

[6] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[7]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[8];

Illi meta jingħad li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[9]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit,

---

[7] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[8] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[9] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[10];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[11]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[12];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment

[10] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[11] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[12] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

tiegħu; (e) in-nuqqas ta’ teħid ta’ rimedju ordinarju – ukoll jekk sata’ kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta’ ħaddieħor m’għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma’ l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[13]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[14]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa’ fil-kompetenza ta’ organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se’ jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta’ xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[15];

Illi fil-każ preżenti, l-intimati jisħqu li r-rimedju li kien disponibbli lir-rikorrent huwa wieħed ċar u effettiv, minbarra li huwa wkoll tassativ. Huma jirreferu għat-teħid ta’ azzjoni ta’ stħarriġ ġudizzjarju dwar għamil amministrativ quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti bl-azzjoni maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kap 12. Jinsistu li r-rimedju kostituzzjonali jew konvenzojnali japplikaw biss f’sitwazzjonijiet fejn id-dritt ordinarju ma jagħtix rimedju. Jgħidu li l-proċedura preżenti meħuda mir-rikorrent hija abbużiva u kapriċċuża. Ifissru li r-rimedju ordinarju tal-istħarriġ ġudizzjarju jieħu ħsieb jagħti smigħ ukoll fejn l-għamil amministrativ jitqies li jikser il-Kostituzzjoni[16];

Illi, min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-jedd tiegħu li jressaq il-proċedura kostituzzjonali mill-ewwel u s-setgħa ta’ din il-Qorti li tisma’ u tibqa’ tqis l-azzjoni tiegħu joħorġu mill-fatt li l-firxa tal-azzjoni tiegħu hija usa’ mill-għamla ta’ rimedju li qatt setgħet tagħtih l-azzjoni ta’ stħarriġ

[13] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita’ tal-Ippjanar et***
[14] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***
[15] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[16] Art. 469A(1)(a) tal-Kap 12

ġudizzjarju msemmija mill-intimati. Iżid jgħid li wkoll kieku kellu jieħu azzjoni ta' stħarriġ u l-każ jinqata' favurih, xorta kien jifdallu lmenti li proċedura kostituzzjonali/konvenzjonali biss setgħu jindirizzaw kif jixraq;

Illi wara li l-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, u wara li qieset il-prinċipji stabiliti dwar kif din il-Qorti għandha tuża d-diskrezzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk għandhiex teżerċita s-setgħa tagħha li tkompli tisma' l-każ, tasal għall-fehma li ma teżistix raġuni tajba u impellenti biżżejjed biex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati. Il-Qorti waslet għal din il-fehma għal bosta raġunijiet. Ewlenin fosthom huma (a) li Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja ċivili adita b'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju ma setgħet qatt tindirizza – aħseb u ara tagħti rimedju – għall-ilmenti kollha li ressaq ir-rikorrent f'din il-kawża. Hawn issir riferenza partikolari għat-tieni talba tar-rikorrent. Hemm imbagħad (b) il-fatt li biċċa mill-ilmenti tar-rikorrent jistrieħu fuq allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu kif imħarsin fil-Konvenzjoni: azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tista' tistħarreġ għamil amministrativ li jikser il-Kostituzzjoni, iżda ma tistax tistħarreġ allegat ksur tal-Konvenzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni magħmula mir-rikorrent fin-Nota tiegħu, li (ċ) azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tagħti setgħa lill-Qorti (fil-kompetenza tagħha ċivili ordinarja) li tqis l-egħmil bħala "null, invalidu jew mingħajr effett", iżda ma tagħtix lil dik il-Qorti s-setgħa li tordna kif kellu jittieħed l-egħmil amministrativ jew li tiddetta lill-awtorita' pubblika mħarrka x'imissha tagħmel biex tagħti rimedju;

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tuża d-diskrezzjoni tagħha li tieqaf milli tisma' l-każ, imma sejra twettaq l-obbligu tagħha li tqis il-kwestjoni fil-mertu;

Illi, għalhekk, minħabba li <u>l-eċċezzjoni tal-intempestivita'</u> tal-kawża ntrabtet mill-intimati mal-fatt li, skond huma, r-rikorrent kellu disponibbli rimedji oħrajn ta' bixra ordinarja, joħroġ li l-imsemmija eċċezzjoni wkol m'hix mistħoqqa. Jiżdied jingħad li eċċezzjoni bħal din li hija ta' għamla dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-

bidu tal-kawża[17]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-intimati li jikkonvinċu lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor.* Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[18]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni ta' din ix-xorta tista' titressaq ukoll fejn ikun għad hemm biss il-biżgħa (fondat) li xi dispożizzjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar jeddijiet fondamentali "tkun x'aktarx ser tiġi miksura"[19]. Dan ifisser li, f'ċerti ċirkostanzi, azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, ir-rikorrent jgħid li l-ksur tal-jedd tiegħu diġa' seħħ;

Illi għal dawn il-konsiderazzjonijiet ukoll l-eċċezzjoni li l-azzjoni nfetħet qabel il-waqt ma tistax tintlaqa';

Illi dwar l-eċċezzjoni li l-azzjoni hija fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq, irid jingħad li, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni ma tkun ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[20]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-

[17] Ara Kumm. **28.5.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Ellul*** (Kollez. Vol: **XLIX.iii.1161**)
[18] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)
[19] Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni u art. 4(1) tal-Kap 319
[20] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)

serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[21];

Illi ta' min jirrileva li l-eċċezzjoni taħt eżami f'din il-kawża tressqet bħala waħda preliminari, u għalhekk il-Qorti se' jkollha tqisha fid-dawl ta' dak biss li jidher mill-atti, fis-sens ta' jekk, mad-daqqa t'għajn, il-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent tikkwalifikax bħala waħda sempliċement frivola u vessatorja fis-sens li għadu kif ġie mfisser. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa possibbli wkoll (u mhux l-ewwel darba li dan seħħ) li Qorti waslet għall-fehma li l-kwestjoni kienet waħda fiergħa u vessatorja **wara** li kienet stħarrġitha fil-mertu, jiġifieri lil hinn minn sempliċi apprezzament tal-atti proċesswali mal-lemħa. Tant li l-fatt waħdu li Qorti tkun qieset fit-tul u fil-qofol il-materja milquta mit-talba u mbagħad tiddikjara dik it-talba bħala waħda fiergħa jew li ddejjaq ma jġibx dik is-sentenza bħala waħda kontradittorja jew awtomatikament sindakabbli minn qorti tat-tieni grad[22];

Illi, minn dak li jidher mill-atti f'din il-kawża, il-qofol tal-azzjoni tar-rikorrent hija waħda maħsuba biex ikun jista' jwettaq xogħol kompatibbli mal-aspirazzjonijiet u s-sejħa tiegħu u mal-kwalifiki u l-esperjenza li hu jgħid li għandu. Għal din il-Qorti, kull azzjoni li tolqot l-għixien tal-persuna u t-tħollija tagħha li taħdem u twettaq il-milja tal-karriera tagħha ma tista' qatt tkun azzjoni fiergħa fis-sens hawn fuq imfisser. Din l-aspirazzjoni hija saħansitra waħda mill-kolonni tal-prinċipji li fuqhom titqiegħed il-Kostituzzjoni tagħna u ma jidhirx li jista' jingħad li l-Kostituzzjoni hija msejsa fuq miri fiergħa;

Illi l-intimati jibnu l-eċċezzjoni tagħhom ukoll fuq il-fatt li jinsistu li r-rikorrent kellu rimedji oħrajn x'jieħu minbarra l-azzjoni preżenti. Iqisu li t-teħid minnu tal-proċedura preżenti huwa abbuż mir-rimedju kostituzzjonali li "jiżvaluta" r-rispett u l-kawtela li azzjonijiet bħal dawn (li huma "proċeduri straordinarji u jsiru taħt l-ogħla liġi tal-pajjiż") imissu jkollhom. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent

---

[21] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)

[22] Ara Kost. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.4**)

jisħaq li l-eżistenza ta’ rimedju ordinarju alternativ (kieku tassew kien hemm) ma kienx iġib l-azzjoni tiegħu bħala waħda fiergħa jew vessatorja. Azzjoni tkun fiergħa u vessatorja jekk lanqas fil-parametri ta’ azzjoni għal rimedju ordinarju ma jkollha l-*fumus juris* li jsejjes l-azzjoni. Il-fatt li l-intimati jinsistu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju (għalkemm, fis-sewwa, ma jammettux li huwa kien ikollu raġun kieku għażel dik it-triq) qegħdin jistqarru li l-pretensjoni tiegħu la hija fiergħa u lanqas vessatorja;

Illi għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet ukoll, il-Qorti ma ssibx din l-eċċezzjoni mistħoqqa;

Illi **dwar l-eċċezzjoni li l-intimati Avukat Ġenerali u l-Onorevoli Ministru tas-Saħħa m’humiex il-kontradittturi leġittimi tal-azzjoni** tar-rikorrent, l-imsemmija intimati jgħidu li huma ma kellhom l-ebda rwol f’dak li r-rikorrent jgħid li seħħ, u lanqas hemm rabta bejn l-imsemmija lmenti li jirrigwardaw għamil amministrativ u s-sehem tagħhom f’xi deċiżjonijiet li setgħu ttieħdu dwar ir-rikorrent. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent iwarrab l-imsemmi argument u jgħid li billi wħud mill-ilmenti tiegħu jirrigwardaw il-liġi fis-seħħ u t-tħaddim tagħha, iż-żewġ eċċipjenti huma l-persuni li jridu jwieġbu għalihom u ħadd aktar;

Illi l-intimati jibnu l-eċċezzjoni tagħhom fuq dak li jgħid l-artikolu 181B tal-Kap 12. Il-prinċipju ġenerali f’dak l-artikolu hu li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwestjoni. L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f’dawk l-azzjonijiet ġudizzjarji li, minħabba n-natura ta-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment;

Illi llum il-ġurnata hu aċċettat u stabilit li f’kawża dwarallegat ksur ta’ jedd fondamentali hemm tliet xorta ta’ mħarrkin[23], u jiġifieri (a) dawk il-persuni li huwa allegat li kienu responsabbli direttament jew indirettament fit-twettiq jew fin-nuqqas ta’ xi fatt li jikser dritt fondamentali mħares

[23] Ara P.A. Kost JSP **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mary Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et***

mil-liġi; (b) dawk li, għal egħmejjel jew omissjonijiet ta' fatt li jikser jedd fondamentali bħalma jissemma hawn fuq, jwieġbu biex jagħtu jew jipprovdu r-rimedju li sentenza li tilqa' lment bħal dak tista' tordna li jingħata; u (ċ) dawk kollha li jkunu parti f'kawża meta l-ilment kostituzzjonali li jinqala' jkun seħħ dwar jew waqt proċeduri ġudizzjarji;

Illi fil-każ preżenti, meta wieħed iħares lejn it-talbiet tar-rikorrent, isib li l-Kunsill intimat m'huwiex dipartiment tal-Gvern. Isib ukoll li l-persuna waħdanija li tista' twettaq jew twieġeb għall-ilment li dwaru ssir it-tieni talba hija l-intimat Avukat Ġenerali. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati għall-ewwel jgħidu li l-Avukat Ġenerali m'huwiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni rikorrenti għaliex "l-intimati l-oħra jirrappreżentaw lill-Gvern adegwatament u jistgħu jwieġbu għat-talbiet, li fil-fatt huma indirizzati lejhom". Iżda ftit aktar 'l isfel, fl-istess Nota, jgħidu li l-intimat Ministru tas-Saħħa mhux il-leġittimu kontradittur. Fi kliem ieħor (u biex l-imsemmija sottomissjoni ma tidhirx kontradittorja), skond l-intimati, il-kontradittur leġittimu waħdien huwa l-Kunsill intimat;

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni. Jekk wieħed iħares lejn is-setgħat u l-funzjonijiet tal-Kunsill intimat (qabel kien hemm Bord) kif imfissra fil-liġi[24], wieħed minnufih isib li, biex iwieġeb għat-talba dwar it-tħaddim u l-effetti allegatament diskriminatorji tal-liġi (kif fis-seħħ illum u kif kienet fis-seħħ meta t-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda), il-Kunsill intimat ma għandux dik il-fakulta'. Aktar minn hekk, il-Kunsill intimat ma jidhirx li huwa dipartiment tal-Gvern, u għalhekk lanqas jista' jingħad li l-parametri stretti tal-artikolu 181B tal-Kap 12 jistgħu japplikaw f'dan il-każ;

Illi, min-naħa l-oħra, jekk parti mill-ilment tar-rikorrent jirrigwarda t-tħaddim ta' liġi u l-effetti diskriminatorji li għandha (jew seta' kellha sakemm damet fis-seħħ), allura l-Qorti hija tal-fehma li l-intimat Avukat Ġenerali huwa l-kuntradittur leġittimu waħdieni li jwieġeb għal dan l-ilment;

[24] Art. 27(1) tal-Kap 464

Illi dwar l-intimat Onorevoli Ministru tas-Saħħa, il-Qorti qieset li l-Kunsill intimat m'huwiex ħlejqa tal-istess Ministru u jidher li għandu ċerta awtonomija minnu. Iżda tqis ukoll li waħda mill-funzjonijiet tiegħu hija dik li jagħti parir lill-Ministru (kemm jekk fuq talba tiegħu jew mod ieħor) "dwar kull ħaġa li tkun tolqot il-professjonijiet komplimentari għall-mediċina"[25]. Din il-fakulta' (li kienet ukoll vestita fil-Bord taħt il-liġi ta' qabel[26]) tista' torbot dak li sar ma' sehem jew aġir li jkun involut fih il-Ministru. F'dan l-istadju tal-kawża għadu bikri wisq biex il-Qorti tasal f'fehma dwar dan, u jeħtieġ li l-ewwel tara xi provi sejrin jinġiebu għar-rigward;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Onorevoli Ministru tas-Saħħa u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati l-oħrajn** u dan għaliex hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex il-Qorti tagħżel li twettaq id-dmirijiet tagħha u tisma' l-kawża;

**Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-intimati Avukat Ġenerali u Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari għas-Saħħa** billi jirriżultaw mhux mistħoqqa fid-dritt f'dan l-istadju tal-kawża;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali** billi ħadd ħliefu ma jista' jkun il-kontradittur leġittimu f'uħud mit-talbiet tar-rikorrent; u

**Tastjeni milli tqis f'dan l-istadju t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Onorevoli Ministru tas-Saħħa**, billi l-Qorti trid tisma' l-provi relattivi fil-mertu qabel tkun tista' tasal f'fehma ċerta dwar il-qagħda tal-istess intimat rigwardanti l-ilmenti tar-rikorrent.

L-ispejjeż konnessi ma' din is-sentenza jibqgħu biex jiġu determinati mas-sentenza aħħarija.

[25] Art. 27(1)(d) tal-Kap 464
[26] Art. 37(e) tal-Kap 94 li taħtu qabel kien kostitwit il-Bord

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------